## Rati ta’ Referenza tal-BĊE

Wara li ġie adottat l-euro fl-1 ta’ Jannar 2008, il-Bank Ċentrali ta’ Malta (BĊM) ma baqax jikkwota u jippubblika r-rati uffiċjali tal-kambju *middle* ta’ kuljum għaliex l-iffissar tar-rati tal-kambju tal-euro kontra muniti terzi hi r-responsabbiltà tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Fuq is-sit elettroniku tiegħu, il-BĊE jippubblika r-rati ta’ referenza tal-kambju tal-euro ta’ kuljum kontra għadd ta’ muniti. Dawn ir-rati ta’ referenza jiġu stabbiliti kuljum, normalment fis-2.15pm.

## Rati Oħra tal-Kambju tal-Bank Ċentrali ta’ Malta

Il-Bank Ċentrali ta’ Malta qed jippubblika wkoll ir-rati tal-kambju *middle* indikattivi ta’ kuljum (effettivi fis-2.15pm) għal xi muniti oħra, inklużi l-prezzijiet internazzjonali tad-deheb u l-fidda li ma jiġux ikkwotati mill-Bank Ċentrali Ewropew iżda li spiss jintużaw mill-komunità kummerċjali Maltija.